

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/1801**tad-19 ta' Settembru 2023****li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni tal-Banco de España**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 4 dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-20 ta' Ġunju 2023 lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Banco de España (BĊE/2023/16) ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro jridu jiġu awditjati minn awdituri esterni indipendenti rrakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- (2) Il-mandat tal-awdituri esterni attwali tal-Banco de España, l-assoċjazzjoni temporanja ta' intrapriżi Mazars Auditores, S.L.P. — Mazars, S.A. ntemm wara l-awditu għas-sena finanzjarja 2022. Għalhekk jeħtieġ li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2023.
- (3) Il-Banco de España għażel lil KPMG Auditores S.L. bħala l-awditur estern tiegħu għas-snin finanzjarji 2023 sa 2027.
- (4) Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE rrakkomanda li KPMG Auditores S.L. tinħatar bħala l-awditur estern tal-Banco de España għas-snin finanzjarji 2023 sal-2027.
- (5) B'segwitu għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE, jenħtieġ li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE ⁽²⁾ tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/70/KE, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. KPMG Auditores S.L. hija b'dan approvata bħala l-awditur estern tal-Banco de España għas-snin finanzjarji 2023 sal-2027.”.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fid-data tan-notifika tagħha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Bank Ċentrali Ewropew.

⁽¹⁾ ĠU C 226, 28.6.2023, p. 1.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE tal-25 ta' Jannar 1999 dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali (ĠU L 22, 29.1.1999, p. 69).

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Settembru 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
P. NAVARRO RÍOS
